



7.9.2010

B7-0493/2010 }
B7-0500/2010 }
B7-0503/2010 }
B7-0504/2010 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

imressqa skont l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi:

S&D (B7-0493/2010)

GUE/NGL (B7-0500/2010)

ALDE (B7-0503/2010)

Verts/ALE (B7-0504/2010)

dwar is-sitwazzjoni tar-Roma u dwar il-moviment liberu fl-Unjoni Ewropea

Hannes Swoboda, Monika Flašíková Beňová, Kinga Göncz, Rovana Plumb, María Muñoz De Urquiza, Claude Moraes, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Tanja Fajon, Rita Borsellino, Ivailo Kalfin

f'isem il-Grupp S&D

Renate Weber, Sophia in 't Veld, Marielle De Sarnez, Cecilia Wikström, Niccolò Rinaldi, Sonia Alfano, Ramon Tremosa i Balcells, Leonidas Donskis, Olle Schmidt, Metin Kazak, Luigi de Magistris, Nathalie Griesbeck

f'isem il-Grupp ALDE

Hélène Flautre, Catherine Grèze

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Cornelia Ernst, Marie-Christine Vergiat, Rui Tavares, Willy Meyer, Nikolaos Chountis, Patrick Le Hyaric, Miguel Portas, Jacky Hénin, Kyriacos Triantaphyllides, Jean-Luc Mélenchon

f'isem il-Grupp GUE/NGL

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni tar-Roma u dwar il-moviment liberu fl-Unjoni Ewropea

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 1, 8, 20, 21, 19, 24, 25, 35 u 45,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar Unjoni Ewropea, li jistabbilixxu d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali li fuqhom tissejjes l-Unjoni Ewropea, inklużi l-prinċipji tan-non-diskriminazzjoni u tal-moviment liberu,
- wara li kkunsidra l-Artikoli 8, 9, 10, 16, 18, 19, 20, 21, 151, 153 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2005 dwar is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Unjoni Ewropea¹, ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2006 dwar is-sitwazzjoni tan-nisa Roma fl-Unjoni Ewropea², ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Novembru 2007 dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/38/KE dwar id-drittijiet tal-libertà tal-moviment u tar-residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni u l-membri tal-familji tagħhom fit-territorju tal-Istati Membri³, ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-31 ta' Jannar 2008 dwar Strateġija Ewropea għar-Roma⁴, ir-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensiment tar-Roma fuq bażi tal-etniċità fl-Italja⁵, u r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2009 dwar is-sitwazzjoni soċjali tar-Roma u t-titjib tal-aċċess tagħhom għas-suq tax-xogħol fl-UE⁶, u tal-25 ta' Marzu 2010 dwar it-Tieni Samit dwar ir-Roma⁷,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrespettivament mill-oriġini tar-razza jew l-etnicità⁸, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Nivembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol⁹, u d-Deċiżjoni Qafas 2008/913/ĠAI tat-28 ta' Novembru 95 dwar il-ġlieda b'mezzi legali kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali¹⁰, id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri¹¹, u d-Direttiva 46/1995 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data

¹ ĠU C 45 E, 23.2.2006, p. 129.

² ĠU C 298 E, 8.12.2006, p. 283.

³ Testi adottati, P6_TA(2007)0534.

⁴ Testi adottati, P6_TA(2008)0035.

⁵ Testi adottati, P6_TA(2008)0361.

⁶ Testi adottati, P6_TA(2009)0117.

⁷ Testi adottati, P7_TA-PROV(2010)0085.

⁸ ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.

⁹ ĠU L 303, , 2.12.2000, p. 16.

¹⁰ ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

¹¹ ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77.

personali u dwar il-moviment ħieles ta' din id-data¹ ,

- wara li kkunsidra r-Rapporti dwar ir-Roma, ir-razziżmu u l-ksenofobija fl-Istati Membri tal-UE fl-2009, ippubblikati mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali² , u r-rapporti tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa, Thomas Hammarberg,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsilli Ewropej ta' Diċembru 2007 u Ġunju 2008, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarjiet Ġenerali ta' Diċembru 2008 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Impjegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarjiet tal-Konsumatur dwar l-Inklużjoni tar-Roma, li ġew adottati fil-Lussemburgu nhar it-8 ta' Jannar 2009,
 - wara li kkunsidra l-proklamazzjoni tal-2005 tad-Deċennju ta' Inklużjoni tar-Roma u tat-twaqqif tal-Fond għall-Edukazzjoni tar-Roma, minn għadd ta' Stati Membri tal-UE, ta' pajjiżi kandidati għall-UE u ta' pajjiżi oħra fejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom preżenza sinifikanti,
 - wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Ewwel Samit Ewropew dwar ir-Roma (Brussell, 16 ta' Settembru 2008) u tat-Tieni Samit Ewropew dwar ir-Roma (Córdoba, 8 ta' April, 2010),
 - wara li kkunsidra r-rapport li jmiss mill-Kumitat tiegħu għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern dwar “Strateġija tal-UE dwar l-Inklużjoni tar-Roma”, li għandu jidher tard fl-2010,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali fis-77 sessjoni tiegħu (2-27 Awwissu 2010) fir-rigward tad-Danimarka, l-Estonja, Franza, ir-Rumanija u s-Slovenja,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa bit-titlu ‘r-Raba’ Rapport tal-ECRI dwar Franza’, ippubblikat fil-15 ta' Ġunju 2010,
 - wara li kkunsidra l-Għaxar Prinċipji Bażiċi Komuni dwar l-Inklużjoni tar-Roma,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-prinċipji minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u fit-Trattati tal-UE, li fosthom hemm il-prinċipji tan-non-diskriminazzjoni, id-drittijiet speċifiċi li jiddefinixxu ċ-ċittadinanza tal-UE u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali,
- B. billi dawn il-prinċipji huma implimentati permezz tad-Direttivi 2000/43/KE, 2000/78/KE, 2004/38/KE u 95/46/KE msemmija hawn fuq,
- C. billi l-popolazzjoni tal-10-12 biljun Roma Ewropej għadha tbat minn diskriminazzjoni sistematika serja fl-edukazzjoni (b' mod partikulari, is-segregazzjoni), fl-akkomodazzjoni (b' mod partikulari, żgumbramenti mġiegħla u kundizzjonijiet ta' għajxien inferjuri, ta' spiss

¹ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.

² Rapport dwar ir-Razziżmu u l-Ksenofonija fl-Istati Membri tal-UE fl-2009; Stħarriġ tal-Unjoni Ewropea dwar il-Minoranzi u d-Diskriminazzjoni, Rapport li Jiffoka fuq id-Data: Ir-Roma fl-2009; Il-Qagħda taċ-Ċittadini tar-Roma tal-UE li Jmorru u Jgħixu fi Stati Membri oħra tal-UE; u l-Kundizzjonijiet tal-Akkomodazzjoni tar-Roma u tat-Travellers fl-Unjoni Ewropea: Rapport Komparattiv.

f'getti), fix-xogħol (ir-rata ta' impjeg partikolarment baxxa tagħhom) u fl-aċċess ugwali għas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tas-servizzi pubbliċi l-oħra, u billi għandhom livell tabilħaqq baxx ta' parteċipazzjoni politika,

- D. billi maġġoranza tar-Roma Ewropej saru ċittadini tal-UE wara t-tkabbir tal-2004 u tal-2007, biex b'hekk huma u l-familji tagħhom bdew igawdu mid-dritt li jiċċaqalqu u jgħixu b'mod liberu fit-territorju tal-Istati Membri,
 - E. billi ħafna individwi u komunitajiet tar-Roma li ddeċidew li jgħixu fi Stat Membru differenti tal-UE minn dak taċ-ċittadinanza nazzjonali tagħhom jinsabu f'qagħda partikolarment vulnerabbli,
 - F. billi diġà saru eżerċizzji ta' ripatrijazzjonijiet u ta' ritorni tar-Roma f'diversi Stati Membri, u dan l-aħħar fi Franza, fejn il-gvern keċċa jew irritorna lura "volontarjament" mijiet ta' ċittadini tar-Roma tal-UE, bejn Marzu u Awissu tal-2010,
 - G. billi l-awtoritajiet Franċiżi stiednu lill-Ministri tal-Intern tal-Italja, il-Ġermanja, ir-Renju Unit, Spanja, il-Greċja, il-Kanada u l-Istati Uniti, u aktar 'il quddiem tal-Belġju u rappreżentanti tal-Kummissjoni, għal laqgħa f'Pariġi f'Settembru biex jiġu diskussi l-"immigrazzjoni" u kwestjonijiet dwar il-moviment liberu li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE, laqgħa li għaliha ma ġewx mistiedna Stati Membri oħrajn, u billi l-Ministru tal-Intern tal-Italja ħabbar l-intenzjoni tiegħu li jagħmel ħiltu biex l-UE ddaħħal miżuri aktar stretti dwar l-immigrazzjoni u l-moviment liberu, partikolarment għar-Roma,
 - H. billi din l-imġiba kienet akkumpanjata mill-istigmatizzazzjoni tar-Roma u mill-antiżingariżmu f'diskors politiku,
 - I. billi t-tribunal amministrattiv ta' Lille kkonferma deċiżjoni preċedenti tal-qorti tas-27 ta' Awwissu 2010 billi qaleb l-ordnijiet ta' deportazzjoni ta' seba' Roma, minħabba li l-awtoritajiet ma ppruvawx li kienu "theddida għall-ordni pubbliku",
 - J. billi talab lill-Kummissjoni bosta drabi biex tiżviluppa strateġija tal-UE dwar ir-Roma li tkun tippromwovi l-prinċipji ta' opportunitajiet indaqs u l-inklużjoni soċjali mal-Ewropa kollha,
 - K. billi l-UE għandha bosta strumenti li jistgħu jintużaw biex jikkumbattu l-esklużjoni tar-Roma, bħall-opportunità l-ġdida prevista fil-Fondi Strutturali li tippermetti li jiġu allokat i sa 2% tal-allokkazzjoni totali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal nefqa fuq l-akkomodazzjoni b'riżq il-komunitajiet emarġinati, li għandha tidħol fis-seħħ matul l-2010, jew il-possibbiltajiet eżistenti tal-Fond Soċjali Ewropew,
 - L. billi l-progress fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra r-Roma permezz tal-garanzija tad-drittijiet tagħhom għall-edukazzjoni, għax-xogħol, għas-saħħa, għall-akkomodazzjoni u għall-moviment liberu fl-Istati Membri kien diskontinwu u kajman, u billi għandha tiżdied ir-rappreżentazzjoni tar-Roma fl-istrutturi governattivi u fl-amministrazzjoni pubblika fl-Istati Membri,
1. Ifakkar li l-Unjoni Ewropea hija fuq kollox komunità bbażata fuq il-valuri u l-prinċipji mfasla biex tinżamm u tiġi promossa soċjetà miftuħa u inklużiva u ċ-ċittadinanza tal-UE,

partikolarment billi tiġi projbita kull forma ta' diskriminazzjoni;

2. Jenfasizza d-dritt taċ-ċittadini kollha tal-UE u tal-familji tagħhom għall-moviment liberu u r-residenza madwar l-UE, dritt li jirrappreżenta aspett fundamentali taċ-ċittadinanza tal-UE kif definit mit-Trattati u li hu implimentat mid-Direttiva 38/2004, li għandha tiġi applikata mill-Istati Membri kollha u għandhom ikunu konformi magħha;
3. Jesprimi t-tħassib kbir tiegħu dwar il-miżuri li ttieħdu mill-awtoritajiet Franċiżi u mill-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra mmirati lejn ir-Roma u t-Travellers u li wasslu għall-espulsjoni tagħhom; iħeġġeġ lil dawk l-awtoritajiet biex minnufih jissospendi l-espulsjonijiet kollha tar-Roma, u fl-istess ħin jistieden lill-Kummissjoni, il-Kunsill u lill-Istati Membri biex jintervjenu bl-istess talba;
4. Jenfasizza li t-tkeċċijiet kollettivi huma projbiti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u li dawn il-miżuri jiksru t-Trattati u l-liġi tal-UE, billi jirrappreżentaw diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' razza u etniċità u ksur tad-Direttiva 2004/38/KE dwar il-moviment liberu taċ-ċittadini u tal-familji tagħhom fl-UE;
5. Huwa mħasseb ħafna, partikolarment dwar ir-retorika diskriminatorja b'mod miftuħ u xewwiexa li kkaratterizzat id-diskors politiku waqt ir-ripatrijar tar-Roma, li wasslet għal dikjarazzjonijiet razzisti u azzjonijiet minn gruppi tal-lemin estrem; għalhekk ifakkar lil min ifassal il-politiki dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom u jirrifjuta kwalunkwe dikjarazzjoni li torbot lill-minoranzi u l-immigrazzjoni mal-kriminalità u li toħloq sterjotipi diskriminatorji;
6. Ifakkar li f'dan is-sens, id-Direttiva 2004/38/KE tipprovdi għal restrizzjonijiet dwar il-libertà tal-moviment u l-espulsjoni ta' ċittadini tal-UE biss bħala eċċezzjonijiet u timponi limiti speċifiċi u ċari fuq miżuri bħal dawn; partikolarment deċiżjonijiet ta' espulsjoni għandhom jiġu valutati u ttrattati fuq bażi individwali, billi jitqiesu ċ-ċirkostanzi personali u b'garanzija tas-salvagwardji proċedurali u kumpens (Artikoli 28, 30, 31);
7. Jenfasizza wkoll li, skont id-Direttiva 2004/38/KE, in-nuqqas ta' mezzi ekonomiċi fl-ebda ċirkustanza ma jista' jiġġustifika l-espulsjoni awtomatika ta' ċittadini tal-UE (Premessa 16, Artikolu 14) u li restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-moviment u r-residenza għal raġunijiet ta' politika pubblika, sigurtà pubblika u saħħa pubblika jistgħu jiġu imposti biss abbażi ta' mgħiba personali, u mhux fuq kunsiderazzjonijiet ġenerali ta' prevenzjoni jew oriġini etnika jew nazzjonali;
8. Jenfasizza wkoll, li t-teħid ta' marki ta' swaba ta' persuni tar-Roma espulsi huwa illegali u jmur kontra l-Karta għad-Drittijiet Fundamentali tal-UE (Article 21.1 u 2), it-Trattati tal-UE u l-liġi tal-UE, partikolarment id-Direttivi 2004/38/KE u 2000/43/EC, u
9. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jikkonformaw b'mod strett mal-obbligi tagħhom skont il-liġi tal-UE u jneħħu l-inkonsistenzi fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti tad-Direttiva dwar il-Moviment Ħieles; itenni it-talbiet preċedenti tiegħu biex l-Istati Membri jirrevedu u jirrevokaw liġijiet u politiki li jkunu ta' diskriminazzjoni kontra r-Roma fuq il-bażi tar-razza u tal-etniċità, b'mod dirett jew indirett, u jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex jissorveljaw l-applikazzjoni min-naħa tal-Istati Membri tat-Trattati u tad-direttivi li jistabbilixxu miżuri kontra d-diskriminazzjoni u dwar il-moviment liberu, partikolarment għar-Roma, u biex jieħdu l-

miżuri neċessarji fil-każ li ma jiġux applikati, partikolarment billi jressqu proċeduri ta' ksur;

10. Jiddeplora serjament ir-reazzjoni tard u limitata tal-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattati, għall-bżonn li tiġi vverifikata l-konsistenza tal-azzjonijiet tal-Istati Membri mal-liġi primarja tal-UE u l-leġiżlazzjoni tal-UE, l-iktar id-direttivi msemmija hawn fuq dwar in-nondiskriminazzjoni, il-moviment liberu u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali; itenni t-tħassib tiegħu rigward l-implikazzjonijiet tal-allokazzjoni attwali tar-responsabbiltajiet rigward il-politiki tar-Roma fost il-Membri tal-Kummissjoni, u jitlob għal koordinazzjoni orizzontali b'saħħitha biex fil-ġejjieni jkun hemm garanzija ta' reazzjonijiet effikaċi u f'waqthom;
11. Jistieden lill-Kummissjoni biex iżżomm mal-valuri u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta għad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u t-Trattati u biex tirreaġixxi fil-pront b'analiżi sħiħa dwar is-sitwazzjoni fi Franza u fl-Istati Membri kollha rigward il-konformità tal-politiki tar-Roma mal-leġiżlazzjoni tal-UE, inkluż abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-NGOs u r-rappreżentanti tar-Roma;
12. Jesprimi tħassib kbir dwar il-fatt li minkejja l-urġenza tal-kwestjoni, il-Kummissjoni għadha ma wegħbitx għat-talbiet tiegħu ta' Jannar 2008 u Marzu 2010 biex tipprepara Strateġija Ewropea għar-Roma, bil-kooperazzjoni tal-Istati Membri; jerġa jstieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa Strateġija Ewropea għall-Inklużjoni tar-Roma;
13. Iqis li l-UE u l-Istati Membri kollha għandhom ir-responsabbiltà li jippromwovu l-inklużjoni tar-Roma u li dan jeħtieġ approċċ komprensiv fil-livell tal-UE fil-forma ta' Strateġija tal-UE għar-Roma, ibbażata fuq l-impenji li ħarġu mit-Tieni Samit Ewropew dwar ir-Roma f' Cordoba:
 - l-integrazzjoni tal-kwestjonijiet tar-Roma fil-politiki Ewropej u nazzjonali dwar id-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni kontra r-razziżmu, il-faqar u l-esklużjoni soċjali;
 - it-titjib tat-tfassil tal-pjan direzzjonali tal-pjattaforma integrata dwar l-inklużjoni tar-Roma u l-prijoritizzazzjoni tal-oġettivi u riżultati fundamentali;
 - l-iżgurar li l-istrumenti finanzjarji eżistenti tal-Unjoni Ewropea jkunu disponibbli għar-Roma u l-għajnuna għat-titjib tal-integrazzjoni soċjali tagħhom permezz ta' monitoraġġ tal-użu ta' riżorsi; l-introduzzjoni ta' kundizzjonalità ġdida sabiex jiġi żgurat li l-użu ta' fondi jindirizza aħjar is-sitwazzjoni tar-Roma;
14. Jiddeplora serjament in-nuqqas ta' rieda politika mill-Istati Membri fit-Tieni Samit Ewropew għar-Roma, bl-attenzenza ta' tliet ministri biss, u jstieden lill-Istati Membri biex japprovaw miżuri konkreti li jstimulaw l-impenji li ħarġu mid-dikjarazzjoni konġunta tas-Samit tar-Roma maħruġa mill-Presidenza Trio;
15. Iqis li huwa essenzjali li jitwaqqaf programm ta' żvilupp kumpless li jiffoka b'mod simultanju fuq l-oqsma politiċi relatati kollha u jippermetti li jkun hemm intervent immedjat fl-inħawi tal-getti li qed jissieltu kontra żvantaġġi strutturali serji; jstieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li waqt l-implimentazzjoni tal-Programmi Operattivi jkun hemm konformità stretta mad-dispożizzjonijiet dwar l-oportunitajiet indaqs, sabiex il-proġetti ma

jsaħħux b' mod dirett jew indirett is-segregazzjoni u l-esklużjoni tar-Roma; jenfasizza li fl-10 Frar 2010 l-Parlament adotta rapport dwar l-eliġibilità ta' interventi favur l-akkomodazzjoni ta' komunitajiet emarġinati, li jippermetti li jsiru interventi fl-akkomodazzjoni f'isem gruppi vulnerabbli fi ħdan il-qafas tal-FEŻR, u jitlob li ssir implimentazzjoni rapida tar-regolament rivedut, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu użu attiv minn din l-opportunità;

16. Jesprimi t-tħassib rigward ir-ripatriju mġiegħel tar-Roma lejn pajjiżi fil-Balkani tal-Punent fejn jistgħu jsibu ruħhom mingħajr kenn u jħabbtu wiċċhom mad-diskriminazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Istati Membri biex jiżguraw li d-drittijiet fundamentali tar-Roma jiġu rrispettati, pereżempju biex jiġu pprovduti b'assistenza xierqa u monitoraġġ;
17. Ihegġegħ lill-Kunsill biex jadotta pożizzjoni komuni dwar il-fondi strutturali u l-fondi ta' qabel l-adeżjoni, li tkun tirrifletti l-impenn politiku Ewropew sabiex tiġi promossa l-inklużjoni tar-Roma u sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-Prinċipji Bażiċi Komuni dwar l-Inklużjoni tar-Roma waqt kwalunkwe reviżjoni tal-Programmi Operattivi rilevanti, b'antiċipazzjoni tal-perjodu ta' programmazzjoni li jkun imiss; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex tanalizza u tivvaluta l-impatt soċjali li kellhom sa issa l-investimenti tal-fondi għal qabel l-adeżjoni u l-fondi strutturali li ffukaw fuq l-inklużjoni tar-Roma, biex ikun possibbli li jinsiltu konklużjonijiet u jiffasslu strateġiji u regoli ġodda kemm-il darba jitqiesu meħtieġa f'dan il-qasam;
18. Jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jimmobilizzaw finanzjament xieraq għal proġetti dwar l-integrazzjoni tar-Roma, għall-allokazzjoni ta' dawn il-fondi lill-Istati Membri, għall-monitoraġġ tal-użu ta' fondi u tal-implimentazzjoni xierqa tal-proġetti, u biex tkun evalwata l-effikaċja tagħhom, u jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni joħorġu rapport dwar din il-kwestjoni flimkien ma' proposti xierqa;
19. Ihegġegħ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jinvolvu lill-komunitajiet tar-Roma, mil-livell l-aktar bażiku sa dak tal-organizzazzjonijiet nongovernattivi, fil-proċess tal-iżvilupp ta' politika komprensiva tal-UE dwar ir-Roma, fl-aspetti kollha tal-ippjanar, tal-implimentazzjoni u tas-superviżjoni, u biex jintużaw ukoll l-esperjenzi tad-Deċennju ta' Inklużjoni tar-Roma 2005–2015, il-Pjan ta' Azzjoni tal-OSKE, u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa, tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-Parlament Ewropew;
20. Jistieden lill-kumitat responsabbli tiegħu, billi jaħdem mal-parlamenti nazzjonali u wara konsultazzjoni mal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali, li għandu jfassal rapport, u NGOs u entitajiet li jittrattaw id-drittijiet tal-bniedem u kwestjonijiet tar-Roma biex isegwu l-kwestjoni u jippreparaw rapport dwar is-sitwazzjoni tar-Roma fl-Ewropa, filwaqt li jibnu fuq riżoluzzjonijiet u rapporti preċedenti tal-Parlament; mekkaniżmu ta' evalwazzjoni bejn il-pari għandu jiġi stabbilit fil-livell tal-UE biex jimmonitorja u jiżgura l-konformità tal-Istati Membri;
21. Ihegġegħ lill-Istati Membri biex iżommu strettament mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Razzjali billi, minnufih, japprovaw ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-NU għall-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni Razzjali fis-77 sessjoni tiegħu;
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-pajjiżi kandidati, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-OSKE.

RC\830091MT.doc

PE446.576v01-00}

PE446.583v01-00}

PE446.586v01-00}

PE446.587v01-00} RC1

RC\830091MT.doc

PE446.576v01-00}
PE446.583v01-00}
PE446.586v01-00}
PE446.587v01-00} RC1

MT